# L-IMNARA

GĦAQDA TAL-FOLKLOR

-5 JUL 1991

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
-MAIN LIBRARY-

ĦARĠA 14

V. 4 1990 No 1

# L - I M N A R A

Vol. 4 No. 1 Harga Numru 14 1990

## W E R R E J


| | | |
|---|---|---|
| THE MALTESE FOLKLORE SCENE IN CANADA | Angelo Dougall | 2 |
| L-GHONNELLA MALTIJA | Rafel Bonnici Cali` | 5 |
| NOTA OHRA DWAR L-GHONNELLA | Lorenza Bonnici Cali` | 8 |
| KARTOLINI ANTIKI TA'L-GHONNELLA (Stampa) | G.Lanfranco | 8 |
| L-IRXOXT TA' DARI F'BORMLA | Guzi Buontempo | 9 |
| IL-FESTA TA' SAN DUMINKU FIL-BELT VALLETTA --- Aktar Memorji ta' Tfuliti | Paul Portelli | 11 |
| RITRATTI: FESTA TA' S.DUMINKU 1983 U KARRU TAL-MEJTIN 1969 | G.Lanfranco | 14 |
| FUNERALI FL-IMGHODDI | Joseph F.Porsella-Flores | 15 |
| IR-RABA'...FOLKLOR | Tarcisio Zarb | 18 |
| TAQBIL TAT-TFAL U FOLKLOR | Angelo Dougall | 27 |


Bullettin tal-Ghaqda tal-Folklor johrog darba fis-sena. L-opinjonijiet li jidhru hawnhekk m'humiex necessarjament dawk tal- Ghaqda tal-Folklor jew ta' l-Editur, jekk ma jkunx specifikat hekk. Editur: 78,St.Trophimus Street, Sliema, Malta.

# THE MALTESE FOLKLORE SCENE IN CANADA

by ANGELO DOUGALL

There are three main Maltese ethnic communities of some significance in cities in Canada. These are in Toronto, Windsor and London, all in the province of Ontario, where their folkloristic and other activities are manifested through their social groups and clubs in ethnic presentations to other communities in their respective cities. They participate with other ethnic groups and communities in Canada, thus they represent and present in no small way, our Maltese folklore, folk life and way of life of our Maltese communities of Canadian cities; indeed they are very much to the fore in such activities and they deserve our acclaim, admiration and encouragement in all their endeavour, and we wish them all our very best, and more success in the future.

From time to time,through this annual journal of L-IMNARA of the Malta Folklore Society, we have commented about, and reviewed various types of Maltese folklore events and activities we have known about, and to have happened beyond our islands' shores.

The Maltese Ethnic Community of London(Ontario) has for some years, now, been very enthusiastic and active with a strong Maltese folk-dance group. They have been invited to perform Maltese folk dances in many cities throughout Ontario, during many festivals. Perhaps one could pass a comment about this group's so called "Maltese National" dress, which is in design fancifully ornamented, and influenced perhaps, or rather an odd resemblance to some central European ethnic folk dress. We Maltese are used to our "Zepp and Grez" country folk type dress, which is rather austere, plain, simple, devoid of any fancy colours and ornaments or frills; the range of colours in the Maltese folk costume is very short. However, the Ontario London group presents Maltese folk dances in Canada, in a very professional way, and seem to be very popular. They perform very often to many ethnic communities from various countries; immigrants who have settled in that very vast country. The Maltese folk dance group of London(Ontario) deserve our praise and admiration, and we wish them more success.

The Maltese Canadian Society of Windsor(Ontario) holds from time to time, "Ghana" folk song evenings. The NAMRU STATION group of Detroit, Michigan, just across the river and Border, are often invited to entertain the Maltese community of Windsor, and other followers from across the Border. Such evenings are spent by many Maltese immigrants and their families, enjoying this type of folk entertainment, while enjoying too, typical and traditional Maltese food served during such

performances.

About the middle of August, the Windsor Clubs participate and co-ordinate with their counterpart Maltese Clubs in Michigan, U.S.A. in organising the annual "Xalata ta' Santa Marija", a picnic to Bob-Lo Island on the Detroit River. From early morning, the day is spent by hundreds of Maltese immigrant families from both sides of the Border, in entertainment. It is very impressive to meet families, sometimes three or even four generations of Maltese in this annual picnic. They do the trip down river by ship, coming back home later at night. A day is spent on Bob-Lo Island in entertainment, and enjoying traditional Maltese foods. No Santa Marija picnic is ever complete without an "Ghana" session, in some quiet spot on the island by the Detroit River. There are some really strong addicts to this type of folk entertainment in Detroit! And this has been an annual event since the very early 1920's.

On the Windsor scene, again, Johnnie Catania is always found to the fore in many a folk type of entertainment, still enthusiastic and energetic in organising such events. We recall how during the Centennial Celebrations of 1967 he organised, in his unique approach, the children of Maltese immigrants in Windsor, and patiently instructed them to perform our national dances, the "sword dance" and "il-Maltija". These dances were performed publicly and with great success during the City's Centennial Celebrations. However, we also recall that Mr. Catania has presented the Maltese folk dress as the traditional "Zepp and Grez" national dress without elaborate design. Each child had his or her folk dress made by their parents, in a simple way, as it rather should be, without fancy ornaments or flashy colours; it reflects our true national character in folk taste and presentation, without any "karnivalati" and flashiness.

From Toronto-Ontario we have the latest news regarding folklore activities among the Maltese Ethnic community and their groups in that city. The Maltese ethnic community in Toronto is quite numerous; it is very active and energetic and has quite a few clubs and groups that represent Maltese ethnic life in activities and festivals. We may quote liberally Mr. Victor Formosa of Toronto, who writes regularly in the weekly newspaper "Il-Gens"; his information in his "Ittra mill-Kanada" (Letter from Canada) of the 27th July 1990 has been most valuable.

During the annual festival called "Caravan", which is held in Toronto in June, many ethnic communities of that city take part through their social clubs or ethnic groups or folk-dance groups. As in previous years, this year, the very popular and strong Maltese Band of the Maltese Band Club of Toronto was called again to play and entertain the many thousands of people who attend to and during that festival. So it was in a Mal-

tese folk way and typical Maltese Folk Festival that this band led the way to keep the people happy and in good cheer. Our Band Clubs in our cities and villages here, in these islands, form an important and an integral part of our festa and city or village life of our community; and so are bands in our Maltese folk way of life, ans so they have been in our typical folklorisrtic scene a means of entertainment throughout the year.

According to "Il-Gens" corresp[ondent Mr.Victor Formosa, at the Malta Pavilion, at the Caravan Festival at Toronto, there was a considerable aspect shown about Maltese folk life and folklore. Lace samples, folk dress , fishing traps, fishing gear and tackle, as shown by Maltese fishermen, was shown,which must have kindled a lot of interest in those who saw the exhibits. Folk dances were performed by groups from the Band Club, also by folk groups of the Malta Soccer Club; there were exhibits from the London-Ontario Maltese Club too, present for the occasion. Maltese Folklore surely was not lacking during this year's Toronto Festival. Miss Ruth Polidano wearing a typical Maltese folk dress conducted people around the exhibits at the Pavilion. We havsa also come to know that a Lady Mayor was elected for the occasion! Our forefathers would have surely mused at the idea to have had a Lady Mayor ("sindka") at their village. Well, times change, and we change with the times, as an old Latin saying goes.

---

KITBIET GHALL-IMNARA

Min ikollu xi kitba biex tidher f' L-IMNARA ghandu jibghatha lill-Editur, 78, St.Trophumus Street, Sliema, Malta. Il-kitba ghandha tkun originali, ikollha x'taqsam mal-gzejjer Maltin, u preferibbilment esperjenzi personali jew ibbazati fuq intervisti ma' persuni anzjani, jew rizultat ta' ricerka ta' ghamla ohra. L-Ghaqda tal-Folklor ma tistghax thallas ghal kitbiet ippubblikati.

L-opinjonijiet espressi f'dan il-bullettin m'humiex bilfors dawk ta' l-editur jew ta' l-Ghaqda tal-Folklor, jekk ma jkunx specifikat li hu hekk.

---

# L-GHONNELLA MALTIJA

minn Rafel Bonnici Cali˜

Meta nharsu lejn bosta stampi tal-kostumi li kienu uzati fil-pajjizi civilizzati ta' l-Ewropa, nindunaw li tista' tghid li in-nisa kollha kienu juzaw mant iswed fuq l-ilbies kollu, izda b'xi differenzi fit-tifsila, izda dejjem li jghatti r-ras u l-ispallejn u xi drabi jibqa' wkoll niezel sa l-irkubtejn. Nindunaw ukoll li l-ghonnella Maltija taqbel hafna ma dawn il-mantijiet suwed, izda ghandha forma specjali li zviluppat tul iz-zminijiet, l-aktar fil-gholja tar-ras, specjalment fis-seklu tmintax. Hekk baqghet fostna sa nofs is-seklu ghoxrin, meta bilfors kellha tinqata'. Fost ir-ragunijiet li ghalihom inqatghet, kienhemm it-traffiku kbir tal-karrozzi bil-mutur li kien sar perikoluz hafna ghan-nisa bl-ghonnella, li ma kienetx thallihom jaraw sewwa it-triq u il-gnub taghha.

Mhux maghruf sewwa meta din il-libsa bdiet tintuza hawn Malta, izda l-ghonnella u l-ilbies iswed aktarx sar moda wara l-assedju l-kbir tal-1565, meta bosta nisa sfaw romol jew tilfu lil-uliedhom fil-glied ahrax li Malta kellha mat-Torok. Il-forma ta' l-ghonnella bhal skufja kbira tar-ras, il-Maltin aktarx haduha mill-ghamla tal-mant kbir li jghatti x-xbiha mqaddsa tal-Madonna ta' Damaxxena li f' dak iz-zmien kienet wisq meqjuma fil-Birgu, il-post ewlieni ta' l-assedju. Din ix-xbiha ghadna nistghu narawha fil-knisja tal-Griegi fil-Belt Valletta, li turina wkoll kif ghandha tkun it-tifsila ta- l-ilbies onest tal-mara nisranija.

Madankollu, maz-zmien, l-ghonnella Maltija kompliet tizviluppa, sakemm naraw li fis-seklu tmintax, l-iskufja saret aktar ckejkna. izda tilfet l-Oghamla ta' skufja, u saret ark iebes li jghatti r-ras u z-zewgt ignub ta' l-ispallejn. Genb minn ta' l-ark iebes, waqt li l-iehor bid-drapp imdendel biss, izda iz-zewg nahat jinzammu bl-idejn li jinghaqdu quddiem iz-zaqq.

Zvilupp iehor tas-sewklu tmintax, kien li l-iskufja ziedulha bhal-pizz bhal tal-beritta, u b'hekk ras il-mara giet qisha ras ta' ghasfur bil-munqar hiereg minn mohhha. Dan il-mudell ta' ghonnella bil-pizz jew munqar kien uzat f'Malta u wkoll f'Ghawdex, kif rajna f'pitturi antiki li darba kellu s-Sur Ninu Crewmona. Wahda minn dawn il-pitturi kienet turi xi erba' nisa, aktarx ghonja, ipacpcu quddiem is-seminarju f'Ghawdex, kollha bl-ghonella bil-pizz u bil-libsa sewda.

Hawn irridu nghidu, li l-ghonnella u l-libsa sewda kienu uzati hafna mill-ghonja biex imorru l-knisja. Ahna niftakru, fost l-ohrajn, oht il-markiz Desain, f'Hal Tarxien, kif ukoll lill-kontessa Sant Fournier fil-Belt Valletta, li kienu jmorru l-knisja b'dan il-kostrum nazzjonali. Dan il-kostum kien jintghogob wisq mill-barranin li kienu jpingu figuri ta' nisa

Maltin, u li minnhom saru eluf ta' kartolini fi zmien l-Inglizi, li sejhulhom "Maltese Lady". Fis-seklu dsatax saru bosta incizjonijiet li juru dan il-kostum tal-Maltese Lady, izda ittpingija li ghamel il-pittur Edward Caruana Dingli,dwar l-1930, intoghgbot wisq minn kulhadd, ghax dahhal il-moda ta' dak izzmien, billi libbes lis-sinjura Maltija, glekk tal-harir abjad, dublett iswed, ghonnella tal-harir iswed, u zejjinha b'coff kbir, ahnmar madwar ghonqha.

Xi nisa tal-klassi medja, bhal ommna stess, kienu aktarx juzaw ghonq abjad tal-bizzilla flok dan ic-coff, biex ma jdahhlux kuluri f'ilbieshom, hlief iswed u abjad. Fl-istess zmien dehru n-nisa u x-xbejbiet imsehbin fil-kumpanija tad-Duttrina Nisranija li waqqaf il-qaddis Dun Gorg Preca li riedhom jilbsu biss iswed, u ghonnella sewda. Dawn kienu l-aktar nisa li juzaw dan il-kostum nazzjonali, ghax mal-mewt ta' Dun Gorg, l-ghonnella bdiet issir perikoluza minhabba t-traffiku tat-toroq. Niftakru lil-wahda mara twajba li kienet tigi tbiegh il-bajd f'qoffa, li biex tobdi lil-Dun Gorg kienet torbot l-ghonnella ma' genbha minflok tilbisha fuq rasha, ghax ma setghetx izzomm il-qoffa tal-bajd b-id wahda u tarf l-ghonnella bl-ohra.

Ommi kienet tirrakkontalna storja ta' zijitha Filomena li bhan-nisa antiki kollha kienet tuza l-ghonnella u l-libsa sewda biex tmur il-knisja, izzur xi girien f'xi okkazjoni specjali bhal maghmudija, mewt jew gherusija. Insomma, l-ghenienen (plural ta' ghonnella) il-glekk u d-dublett suwed, kienu jaghmu l-libsa gala tal-mara Maltija. Filomena kienet omm is-Sur Alfredo Bonnici, wiehed minn corma tfal li kellha u rabbiet bl-akbar ghaqal u tbatija, ghax zewgha Guzeppi, kaptan fuq bastiment tal-qlugh, miet kmieni, u l-imsejkna armla ftaqret. Meta xjahet, l-eghnienen li kellha qdiemu u ma kellhiex flus biex tixtri ohra gdida biex bhas-soltu tmur ghall-quddiesa kantata. Kienet mara twajba u devota tal-Papa Piju Nonu, kif l-antiki kienu jsejhu lill-Papa Piju IX. Dan il-Papa, li kien xerred id-devozzjoni tal-Madonna, billi ghamel id-domma tal-Kuncizzjoni Immakolata, kien mizmum qaddis jimxi fl-art, waqt li n-nanna Filomena kienet titolbu biex jaqlaghlha l-grazzji kollha li kellha bzonn. Issa waslet biex titolbu jipprovdilha ghonnella tal-harir ikkurdunat, u titlob illum u titlob ghada, l-ghonnella xtratha, u ghalhekk missieri u ommi bagghu isejhu din l-ghonnella, "ir-rigal tal-Papa Piju Nonu". Bhala ringrazzjament, in-nanna Filomena poggiet ix-xbiha tal-Papa hdejn dik tal-Madonna bil-Bambin li kellha fuq il-kredenza fejn kienet izzomm musbieh jixghel biz-zejt lejl u nhar, bl-akbar devozzjoni.

Din l-istress storja dehret fil gazzeta Lehen is-Sewwa ta' Mejju 1990, u xterdet ukoll fost l-emigranti Maltin mad-dinja kollha. Is-Sur Dwardu Zarb, emigrant fil-Kanada, li baqa' wisq marbut ma' art twelidu, ra din il-gazzetta, u kitbilna ittra fejn qalilna storja ohra ta' nantu u l-ghonnella Maltija.

Din hija silta mill-ittra tieghu: "niftakar li fi ckuniti, darba mort man-nanna Karmela ghand wahda hajjata prima ta' l-eghnienen, fil-Hamrun. Tghidx kemm damu jikkurdaw fil-prezz, jitkellmu fuq drapp, satin, kurdun u balieni. Dawn il-balieni kienu bhal fildiferru li jiffurmaw ark li fuqu tieqaf l-ghonnella" Skantajt kif dan is-sinjur ftakar f'dawn l-irqaqat kollha wara' xi sittin sena, li nofshom ghaddihom fil-Kanada.

Il-kartun kien ukun maqtuh biex izomm l-ark, u jkun infurrat bil-harir iswed, filwaqt li fit-tarf ta' fuq ir-ras ikun migbur u jifforma toqba, li minnha l-mara tista' thares lejn il-genb bla ma hadd jinduna. Fi zmien il-hakma Franciza (1798-1800), is-suldati Francizi kienu jsejhu din it-toqba f'genb l-ghonnella "l-ghajn ta'-l-ispjuni". Il-balieni li s-Sur Zarb xebbahhom mal-fildiferru, kienu bhal spagetti twal ta' lewn iswed. Dawn kienu jinhetu sitta hdejn xulxin fit-tarf tal-ark biex jghinu l-forma tal-kartuna, bicca xoghol delikata ghall-hajjatin Maltin.

Tista' tghid li f'kull belt jew rahal kbir, kien ikunhemm xi mara li tinqala' ghall-dan ix-xoghol. Nghidu ahna, ommi kienet tmur ghand tliet ahwa f'H"Attard biex tordna ghonnella; dawn kienu Zolli, Vangiela u Karmni. Kienu jzommu kampjuni ta' kull kwalita ta' harir u minn dawn il-kampjuni ta' galluni kienu joholqu gmiemen kuluriti mill-isbah u jdendluhom fid-dar taghhom.

Ta' min jghid li in-nisa tal-medja klassi kienu jilbsu l-eghnienen suwed ghat-tieg taghhom, biz -zieda ta' kemm isibu deheb. Dan kien l-aktar fl-irhula, izda fl-ibliet kienu jilbsu biss il-bzonnijiet; id-deheb kien ikun imsielet, brazzuletti, gizirani bis-salib, xi labra u zewg crieket. Kienu jilbsu ukoll kalzetti u zraben suwed.

Darba rajt ukoll koppja Ngliza fejn il-mara libset ghonnella la Maltija ghat-tieg taghhom waqt li il-Maltin ga kienu qed iwarrbuha. Il-Maltin kienu bdew iwarrbu l-uzu tal-kostum nazzjonali u bdew juzaw libsa tal-kulur bil-kappell u accesorji ohra li jaqblu maghhom. Wara' t-tieni gwerra dinjija, il-Maltin qalbu ghall-uzu ta' l-ilbies internazzjonali bil-libsa bajda u mant u accessorji ohra li jqumu l-flus.

Il-kampanjoli Maltin kellhom ukoll l-ghonnella, jew ahjar ic-culqana tar-ras bil-kulur; l-aktar popolari kienu kohol mizghuda bit-tikek bojod, qishom is-sema bil-kwiekeb. Dawn kienu uzati l-aktar minn-nisa Zabbarin li jbieghu il-hxejjex, u mix-Xlukkajri li jbieghu il-hut. Kien hawn ohrajn li juzaw culqana hadranija jew griza...kulhadd gostih. Dawn kienu jintlibsu fuq ilbies ta' kull kulur, bla ebda regola; hawn pitturi antiki taghhom tassew sbieh, fost dawn jinsabu bosta akkwarelli fil-bibljoteka nazzjonali tal-Belt.

---

NOTA MINN LORENZA BONNICI CALI`........

Wara' dan it-taghrif storiku li taghna hija Rafel xtaqt inzid xi haga jiena. Ommi kienet tuza l-ark ta' l-ghonnella fuq in-naha tax-xellug biex tkun tista' zzomm it-tarbija fuq derghiha tal-lemin, izda mhux kulhadd kien juza l-ghonnella bhalha, ghax x'uhud kienu juzaw l-ark fuq il-lemin u jipprotegu lit-trabi taghhom bid-drapp tan-naha xellugija...kulhadd gos-tih...imma f'xi rhula, dawk li kienu juzaw l-ark xellugi kienu jitqiesu ta' kondotta hazina. Dan kien gudizzju bla sens, bhal kull superstizzjoni ohra.

Irrid ukoll nghid, li bosta bniet zghar, kienu jhobbu jkollhom ghonnella zghira biex jilghabu "tal-mama`" ma' shab-hom, u taht din l-ghonnella jzommu l-pupa taghhom. Jiena kelli ghonnella u pupa wkoll, u nista' niftahar li wara' dan iz-zmien kollu ghadhom ghandi bla ebda hsara, u nghozzom daqs zewg tezori. Ma' dawn kelli wkoll hafna aghmara zghira tal-kartun, u xi platti u buqari tac-caqquf u armar iehor ghad-dar tal-pupa; fost kollox kelli wkoll benniena ta' l-ixkora u l-fettihiet. Mat-tfal girien kont mhux biss nilghab tal-mama` imma wkoll "tal-hanut" ghax kelli mizien zghir; izda flus ma kellix, u konna nixtru u nhallsu biz-zibeg kuluriti. Barra dawn l-affarijiet kelli wkoll kollezzjoni ta' santi li kont naqla' mill-klassi tad-duttrina, u bosta minnhom ghadhom ghandi wkoll. Hekk kienet it-trobbija taghna, bniet ta' sittin sena ilu. Forsi ghalhekk kbirt fiz-zmien u bqajt tifla fil-hajja...

---

L-ISTAMPA WARA' DIN IL-PAGNA TURI:-

Fuq fix-xellug,kartolina "Maltese Lady", warajha stampat pro-gramm tal-Banda La Valette ghad-19 Dic.1920 fi pjazza Tezore-ria, l-Belt., b'reklam ta' Speed's Cigarettes.
Fuq fil-lemin, kartolina tal-Union Postale Universelle, fil-bidu tas-seklu.
Isfel fix-xellug, kartolina tal-Union Postale Universelle, Malta, bit-timbru tal-posta 16-8-1907, fuq wara'.
Isfel fil-lemin, kartolina ta' Raphael Tuck and Co., bit-timbru tal posta 20-1-1906 fuq wara'.
(Il-kartolini gew mislufin minn Guido Lanfranco)








Malta Orange-seller

Come & Eat. Comes from the



MALTESE LADY WITH FALDETTA.

# L - IRXOXT TA' DARI F' BORMLA

minn Guzi Buontempo

Wara' l-granet monotoni tal-Gimgha l-Kbira, l-erbghin gurnata tar-Randan imqaddes, il-processjonijiet bil-vari ma' Malta kollha, is-skiet tal-qniepen, ecc...ecc...kien jasal Sibt il-Glorja. Dan m'ghadux Sibt il-Glorja kif kien qabel, izda mill-Koncilju l-hawn sar Hadd il-Glorja.....qniepen idoqqu l-glorja, dahq, muzika, kulhadd jippranza f'xi resrtorant biex jiccelebra, izda ohrajn jaghmlu il-mejda d-dar, joqtlu xi gidi jew haruf, jistiednu lill-familja ukoll bit-tfal, bi hlewwiet, suflejiet ecc, kulhadd jifrah u jhossu kuntent ghax Kristu rxoxta!

Ahna ta' l-Isla, il-vara ta' Kristu Rxoxt dejjem nafuha maqfula fin-nicca taghha fl-oratorju tal-Kurcifiss. Jghidu li din l-istatwa kien ilha ma tohrog xi tnejn u disghin sena, u jghidu wkoll, li darba, meta kienu qeghdin jigru bi Kristu Rxoxt, xi hadd mir-reffiegha waqa' u nkisret id l-istatwa; hemm min izid, li meta nkisret id l-istatwa, kienu hargu xi grieden minn idu..tghid veru?.... minn xi zmien l-hawn l-istatwa regghet bdiet tohrog b'solennita' kbira.

Il-familja tieghi, ghamilna xi zmien noqghodu f'Bormla, u hemm il-festa ta' Kristu Rxoxt kienet tkun aktar bil-kbir. Wara' li fil-parrocca ta' Bormla jitnehha d-damask l-iswed tal-Gimgha l-Kbira, tahtu ga kien ikun hemm id-damask ahmar tal-Glorja. Fl-istess hin kienu johorgu l-vara ta' Kristu Rxoxt minn-nicca li tinsab ezatt wara' l-bieb maggur...vara tassew sabiha, bi Kristu hiereg mill-qabar bil-palma tal-fidda f'idu. Din ghamilha Celestino Sacco Spagnol.

Il-Hadd filghodu kmieni f'xi l-hamsa jibdew bil-fifra u t-tanbur idoqqu..."tralla-lera`-tralla-la`..." ma' Bormla kollha, u n-nies jibdew iqumu kmieni. Il-familji kollha, l-aktar it-tfal, ihaffu biex jaraw x'qed jigri. Ghajjat, frattarija, tfal jigru bil-figolla f'idejhom, pastizzi, qassatat, ... u xi ragel bit-tilar fuq spaltu jghajjat: "Pastizzi shan ta' l-irkotta!...shan...shan!..."

Fil-hin li tkun hierga l-processjoni bil-vara sabiha ta' l-Irxoxt Trijonfanti, il-qniepen idoqqu ferrieha bil-kbir, nies jinbuttaw u jrossu biex jaraw sewwa... Prezenti kien ikun-hemm il-Banda St. George's ta' Bormla, armata sa' snienha. Hekk kif il-vara ta' Kristu Rxoxt tohrog processjonalment mill-knisja, tinzel dak il-ftit tarag u tigi biex titla' Strada Oratorio, u peres li dan it-tarag huwa baxx u wiesa', il-Banda St. George's tibda ddoqq il-valzi, haga li forsi ssir f'Bormla biss..(haga kurjuza?)...allura l-vara ta' l-Irxoxt jibdew

ibandluha bhallikieku qed tizfen.

Meta tasal fil-bidu ta' Strada San Giorgio kienet issir l-ewwel girja bil-vara sax-Xghajra (Piazza Santa Margerita). Qabel din il-girja ir-reffiegha ga jkunu ppreparaw kif se jerfghu. Folol kullimkien...ragel jigri kemm jiflah quddiem, jghajjat: "Warrbu!...warrbu!...warrbu ghax gej!..."u jinbotta n-nies lejn il-genb. Sadattant il-Banda St. George's ga tkun ghaddiet Strada San Giorgio, din id-darba ddoqq marci brijuzi taghha u tkun waslet ix-Xghajra...kulhadd jistenna, tfal bil-figolla f'idejhom jistennew l-Irxoxt ghaddej biex jghajtu: "Berikhieli, Kristu Rxoxt!.."

Hwienet tal-helu minn fejn in-nies jixtru xi sufle`, xi pasta jew qaghqa; kulhadd diehel u hiereg, jixtri...

Meta l-Irxoxt jasal ix-Xghajra bil-girja, ikunhemm folla rgiel madwar il-bradella, lesti biex kulhadd jerfa', jigbed u jigri, u jgholluh ghal tliet darbiet waqt li kulhadd jghajjat u jcapcap. Meta jasal idawrulu wiccu lejn il-Birgu, biex bhal-likieku jinkuhom!.

Kienet issir girja ohra fin-nizla tax-Xghajra kollha, ohra tul Strada San Paolo kollha, skemm jaslu qrib l-Isla. Sadat-tant il-Banda San Giogio tibqa' ghaddeja bil-marci sbieh tagh-ha, u il-kleru jibda miexi qajl qajl sakemm jasal wara' l-vara qabel ma jtuha l-ahhar girja.

Meta l-Irxoxt jirritorna l-knisja f'xi t-8.30 am tohrog il-quddiesa ta' l-Irxoxt. Wara' dan kollu, kulhadd imur lura lejn daru fejn ga jsibu lil tal-familja mhabbtin jippreparaw l-ikla ta' nofs inhar, li kienet tkun aktarx haruf, sufle` u hlewwiet, u jibdew jaslu l-mistednin tal-familja ghall-mejda dekorata ghall-festa. Waqt l-ikla, kulhadd ikun "in glorja" bil-kappell fancy f'rasu. Kulhadd jghid xi cajta, jidhaq, ferhan u kuntent. Illum il-gurnata, bosta nies u familji jippreferu jibbukkjaw f'xi restorant biex jiffrankaw dan ix-xoghol kollu.

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
-MAIN LIBRARY-

# IL-FESTA TA' SAN DUMINKU FIL-BELT VALLETTA

Aktar Memorji Ta' Tfuliti

minn Paul Portelli

Fl-ahhar harga ghedtilkom xi episodji u esperjenzi ta' tfuliti li bqajt niftakar. Fost dawn semmejt kif konna nghaddu il-festa tal-Milied, li l-aktar inhobb. Din id-darba ser insemmilkom memorji ta' festa li ghalija mhix anqas sentimentali: dik ta' San Duminku tal-parrocca tal-Belt Valletta, kif kienet tkun celebrata xi hamsin-sittin sena ilu.

Minn xi zmien qabel il-festa, konna nibdew it-tibjid u z-zebgha tad-dar. Imbaghad, granet qabel it-tizjin, kienu jinqalghu il-purtieri ta' kuljum u jitwahhlu dawk tal-festi. Uhud mill-ghamara li kienet tkun mghottija bil-covers marbutin bil-kurdicelli, bhal siggijiet mhux ta' kuljum, is-sodda tar-ramm u il-mejda tal-kamra tal-pranzu li kien ikollha xi tapit tal-plush jew tal-bizzilla fuqha, b' cover iehor fuqhom, kienu jinkixfu.(kien isir hekk ukoll fit-tberik tad-dar.)Konna nixtru qsari godda li kienu jitpoggew fuq il-gastri jew fil-gardiniera. Dak iz-zmien, il-qsari tal-weraq donnhom kienu aktar popolari mill-fjuri.

Il-preparamenti kienu jibdew bil-hmistax il-Tlieta ta' qabel il-festa, fejn kienet issir priedka minn patri li mhux Dumnikan, ghax jghidu li id-Dumnikani ma jfahhrux lil-San Duminku huma stess. Il-festi ta' barra kienu jibdew bit-twahhil ta' l-arbli, it-tizjin tat-toroq li kien ikun elaborat hafna, specjalment Strada Mercanti u Strada San Domenico; kont titpaxxa tassew. Kienu jwahhlu bozoz tad-dawl mat-toroq kollha u mal-faccata tal-knisja. Niftakar li darba, fi triq minnhom kienu ghamlu speci ta' kannizzata ta' l-injam, weraq, fjuri u festoons tal-karti. Niftakar meta saru ghall-ewwel darba il-bombli li ddendlu fi Strada San Domenico ghall-ewwel darba; kienu jkantaw: "Bombli, bombli...ta' l-ilma frisk!" Strada Merkanti kienu jitpoggew kolonni u fuqhom speci ta' qasrija bil-palm frisk, u bejniethom pedestalli gholjin bil-qaddisin Dumnikani.

Fil-kantuniera bejn Strada Mercanti ma' Strada San Cristoforo kienu jitpoggew erba' papiet Dumnijkani, statwi li ghadhom, jitpoggew sa'llum, bhal ma ghadhom il-bombli. Kull sena kien jizzanzan sett pavaljuni jew bnadar pitturati. Go Strada Merkanti kien jintrama ark enormi u sabih, fil-wesgha tat-triq mill-hajt tal-palazz sal-faccata, fejn illum hemm Costa ta' l-

arloggi, dak iz-zmien kien hemm Gorg tal-haxix. Aktar l-isfel fi Strada San Domenico, kien jintrama palk tal-banda li kont titla' fuqu bis-sellum. Dizgrazzjatament dawn inqerdu fil-gwerra. Ghadu jidher il-hadid imwahhal mal-hajt, fejn kien jintrama dan il-palk. Illum hemm nicca zghira ta' San Duminku. Fil-kantuniera ma' Strada Mercanti u Strada San Cristoforo kienet titqieghed fil-gholi, kuruna mimlija bil-karti kuluriti. Malli l-istatwa ta' San Duminku tasal tahtha, kienu jigbdu spaga u l-karti jaqghu fuq il-vara fost ic-capcip u l-briju.

Madwar il-kwartier tal-knisja u l-kunvent jezistu vari u nicec ohrajn li kienu jizzejnu, jinxteghlu, u jpoggu l-fjuri maghhom. Dak iz-zmien kien hemm pika kbira bejn il-parruccani u z-zewg baned tal-Belt, u gie li kien jinqala' glied u nkwiet. Lejliet kien u ghadu jsir il-famuz marc mill-Banda King's Own. Jigu ghalih nies minn kull parti ta' Malta, avolja jsir fil-granet tax-xoghol. Dizgrazzjatement xi ftit boloh jixorbu, specjalment xi zaghzagh, u jispiccaw mixhutin fl-art , waqt li l-familjari taghhom jippruvaw jehduhom id-dar. Dak iz-zmien kien hawn stazzjonati f'Malta bahrin u suldati Nglizi, u ma kienhux jahsbuha darbtejn jinghaqdu u jkomplu. Nisma anke xi nies anzjani jghidu li lejlet u nhar il-festa kienet iddoqq l-imsemmija "Banda ta' Indri`" fid-Due Balli, fost zfin u briju.

It-tizjin tal-knisja kien isahhrek. Dawk il-linef mixghulin, id-damask ahmar bil-bordura safra, it-tuzell fuq l-altar maggur, l-armar tal-altari, lampieri, hafna minnhom tal-fidda, bukketti tal-fjuri, bosta minnhom ghamla ta' lembut maqlub quddiem il-vara, bl-isem tal-kazin, individwu jew socjeta` li jkunu baghtuh, u xama' ta' kull daqs, uhud minnhom mpingijin. Nhar il-festa jigu sacerdoti minn kull Ordni biex iqaddsu, u qassisin u monsinjuri minn diversi lokalitajiet u rhula. Tista' tghid li minn kmieni filghodu, ghal-habta tad-disgha kien ikun hemm quddies kontinwu f'kull altar tal-genb. Ghall-habta tad-disgha u nofs kien jibda l-pontifikal, bil-panegierku isir minn xi predikatur famuz. L-Isqof kien jassisti mit-tron. Malli jispicca l-pontifikal u l-Isqof ilesti biex imur, kienet tinghata l-musketterija minn fuq il-bejt. Xi drabi l-Isqof kien jibqa' ghall-pranzu.

Ahna t-tfal kien ikollna knisja zghira tal-loghob, u minn xi hmistax qabel erhilna nittalbu minn ghand il-genituri jew iz-zijiet jew nifthu l-karus, biex nixtru minn ghand Toni tal-pasturi jew minn ghand id-Dude`, li kienu armati madwar il-knisja ta' l-erwieh. Kien hawn vari zghar ta' San Duminku, jibdew minn sixpence (2.5c), tax-xelin u nofs u tal-erba' xelini (20c). B'hames xelini kont tixtri vara replika bhal tal-knisja, sa bl-angli mal-pedestal. Kien ikun hawn ukoll ghall-bejgh fratelli u patrijiet, akkolti u monsinjuri tat-tafal, li kienu jiswew sold.

Lejliet il-festa kienu jarmaw l-imwejjed tal-qubbajt u l-

gabbani tar-ruggata, luminata u gelat li kien jinbiegh sold u kien kbir. Il-hwienet tax-xorb kienu jbieghu ukoll helu specjali u pasti tasseww tajbin u friski. Taht fejn kien jintrama l-palk li semmejt qabel, kienet tezisti speci ta' gabbana tiehu l-wesgha tal-bankina, tant dejqa u twilha, li sidha bilkemm kien ikollu fejn idur. Din ukoll inqerdet fil-gwerra.

Lejliet il-festa kienet issir it-translazzjoni. Fost dawk li jiehdu parti kont tara uhud li filghodu kienu xurbana, jew jiehdu parti attiva, jew libsin pulit fuq il-bankini. Generalment kienet tizzanzan libsa gdida ghall-festa. Kienet ukoll moda li l-irgiel u l-guvnotti jilbsu nkravata bajda bl-arma ta' San Duminku bil-kelb u s-salib. Dawn kienu generalment jitpittru mis-sorijiet.

Nhar il-festa, kull familja kienet tarma l-mejda. L-ikla kienet tikkonsisti f'xi hasi li kien jitrabba apposta, fniek, imqarrun fil-forn u patata b'xi koxxa tal-majjal. Dawk iz-zminijiet il-forn kien jintbghat barra. Kien hemm forn quddiem il-knisja ezatt, u iehor Tal-Hobza fi Strada San Domenico. Gie li minhabba l-folla, ghand tal-forn kien jinqaleb xi dixx...ma nafx umbghad x'kienu jieklu... Generalment kienu jistiednu lil tal-familja, u missieri kien jistieden ukoll lill-impjegati.

Nhar il-festa, ghal-habta ta' wara' s-sitta, kienet tohrog il-processjoni. Kienu jiehdu parti il-fratellanzi tas-Sagrament, ta' San Vincenz u r-Rozarjanti u diversi membri tal-ghaqdiet religjuzi; kien ikun hemm numru gmielu. Ghall-ahhar jimxu l-patrijiet Dumnikani mill-provincja kollha; dawn kienu jilbsu il-famuza u prestigjuza muzzetta, privilegg gej mill-antik. Dak iz-zmien il-patrijiet kien ikollhom it-tonsura, li kienet tikkonsisti filli jaqtghu cirku tond fix-xaghar fin-nofs tar-ras.

Il-processjoni kienet tohrog mill-knisja ta' San Duminku, iddur ghal Strada San Domenico ghal Strada Rjali, ghal Fuq San Gwann, u terga' ghal Strada Mercanti. Illum, dawn l-ismijiet tat-toroq inbidlu ghall-Malti, u Strada Rjali saret Triq ir-Repubblika. Kif il-vara triskorri s-suq kienet tigi taht l-ark fejn kien jibda l-briju. Memorji li ma jintesewx; folla enormi bil-gassijiet kuluriti u xama' specjali kwadra, li jidhirli li kellha aktar minn ftila wahda. Biex minn hawn il-vara terga' lura l-knisja, kienet tiehu xi saghtejn, fost id-daqq tal-qniepen u l-marci. Il-qniepen kienu jibdew idoqqu mill-erbgha ta' filghodu; infatti, min kien idoqqhom, kien jorqod il-lejl fil-kampnar. Malli l-vara tidhol u tinghata l-barka Sagramentali, kulhadd girja wahda ghal hdejn il-Baviera biex jara l-loghob tan-nar u l-kaxxa nfernali. Kien ikun hemm spettaklu sabih u li jdum...

Dak iz-zmien il-parti l-kbira tat-trasport kienet bil-bhejjem, u minhabba li kienet iddub u taqa' hafna xama mat-

torq, kienu jizolqu x'uhud minnhom. Hawn ma nistghax nonqos li nsemmi lill Patri Mikiel li kien il-prokuratur abbli hafna tal-festa, il-familja kbira tas-Sisi u Karmenu Muscat, li kien jiehu hsieb id-dawl, l-armar u d-disinji. Dawn in-nies huma sinonimi mal-festa ta' dawk iz-zminijiet. Hemm hafna dettalji ohra fuqhiex wiehed jista' jelabora, imma mpossibbli tghid kollox fi spazju hekk limitat.

---

L-ISTAMPA LI TIDHER WARA' DIN IL-PAGNA TURI:-

Fuq:- Festa ta' San Duminku fil-Belt Valletta. Jidhru id-Dumnikani libsin il-muzzetta specjali, u jidhru wkoll il-bombli li jzejnu t-triq, kif imsemmijin mill-awtur fl-artikolu tieghu. (ritratt minn Guido Lanfranco fil-festa tal-31-7-1983)

Isfel:- Il-karrozzella tal-kappillan bil-parilja, u l-karru tal-mejtin, sekonda klassi, jistennew ghal-funeral hdejn l-isptar San Luqa fil-Gwardamanga. Dawn kienu f'April tal-1969, l-ahhar li baqghu jintuzaw, ghax spiccaw f'dik is-sena stess, biex minflokhom bdew jintuzaw il-"hearses",karrozzi apposta. (ritratt minn Guido Lanfranco fl-20-4-1969)

---

L-IMNARA TA' DIN IS-SENA

B'dan in-numru 14 ta' l-Imnara qed nippruvaw inbiddlu l-format u l-prezentazzjoni tal-bullettin tal-Ghaqda tal-Folklor. L-ewwel numru hareg fl-1978, b'wiehed kull sena, hlief xi numru specjali kultant. Fin-numri ta' qabel, sa mill-bidu, l-editur kien jippublika lista bibljografika ta' artikoli u kotba ta' nteress folkloristiku ghall-Maltin, kif ukoll notamenti dwar attivitajiet tal-Ghaqda tal-Folklor; izda minhabba problemi ta' spazju, dawn ghadhom ma dehrux f'dawn l-ahhar zewg hargiet, madankollu qed jingabru biex jidhru malli jkunhemm ic-cans.

Il-produzzjoni ta' L-Imnara kull sena qed tiswa aktar, ukoll jekk mhix tigi stampata ghand l-istamperija, u ma nistghux nippublikawha f'numru akbar, ghax l-ghadd ta' kopji jiddependi minn kemm hemm membri fil-Ghaqda taghna li jhallsu l-hlas ta' lira fis-sena. Ghalhekk inheggu lill-membri biex ikunu regolari fil-hals, b'hekk jghinu fit-tixrid ta' l-interess tal-folklor taghna permezz ta' L-Imnara.

---





# FUNERALI FL - IMGHODDI

minn Joseph F. Porsella-Flores

Anki l-funerali kellhom l-uzanzi u d-drawwiet taghhom fostna; ghalhekk huma wkoll ghandhom sehem fil-folklor, tahlita ta' sagru u profan. Billi l-parti l-kbira taghhom inqatghu jew inbidlu b'ohrajn, tajjeb li wiehed ifakkarhom.

Fil-qosor nghidu li skond il-kundizzjoni tal-mejjet, il-funeral kien ikun tal-prima klassi, tas-sekonda klassi, jew tal-povri. Tal-prima kien ikollu karru rikk, b'erba' zwiemel mghottija bil-kappa u bir-rixa sewda fuq rashom. Il-karru tas-sekonda klassi kien ikun inqas rikk, b'zewg zwiemel jew parilja, imlibbsin jew le. Dak tal-povri mill-inqas f'kollox.

It-tebut kien jew tal-kawba bil-lostru u bil-manijli, jew ta' l-ahmar illustrat ukoll kulur il-kawba, bil jew bla manilji, jew ta' l-abjad moghti passata "stain" kulur il-kawba u bla manilji. Meta tmut xi xebba, it-tebut kien ikun ta' kulur abjad biex juri li, aktar milli ma kienetx mizzewga, kienet ghadha vergni. Izda l-karru ma kienx ikun abjad; dan kien ikun riservat ghat-trabi, li it-tebut taghhom, zghir, kien ikun abjad ukoll.

Il-kuccier kien ikun liebes it-tomna u s-"surtout" (bil-Malti farrkuha ghal "surtun"). Il-karru kien ikun qrib hafna tad-dar tal-mejjet, peress li sa ftit snin ilu, il-parti l-kbira tan-nies kienu jmutu d-dar, mhux fl-isptar.

Minhabba li jiddejqu weqfin bla ma jaghmlu moviment, kif ukoll minhabba d-dubbien li ta' spiss kien idur maghhom, iz-zwiemel ihabbtu saqajhom ma' l-art anki biex jehilsu minn dawk l-insetti. Fil-hemda li kienet tirrenja dak il-hin, it-tahbit tan-naghal taz-zwiemel ma' l-art kien bhallikieku jzid it-tensjoni li t-telfa tal-mejjet iggib maghha. Ma dan zid ukoll id-daqq kiebi tal-mortorju biex ikollok atmosfera mimlija dwejjaq. Il-mewt tat-trabi ukoll kienet thalli lil tal-familja mbikkija ghat-telfa li jkunu garrbu, minkejja li l-knisja, flok il-mortorju iddoqq nota ta' glorja.

Is-sacerdot li jakkumpanja l-kadavru sac-cimiterju kien ikollu mieghu zewg abbatini, wiehed bis-satla ta' l-ilma mbierek, l-iehor bil-kurcifiss f'idu. Kien joqghod f'karrozzella ghalih migbuda minn parilja u misjuqa minn kuccier liebes bhal siehbu tal-karru.

Id-dfin kien isir l-istess bhal daz-zmien, izda fuq it-tebut kien jintefa' hafna terrapien bhala tharis kontra l-mikrobi, jekk minn gewwa ,a kienx ikun hemm tebut iehor taz-zingu.

It-trabi li sfortunatament kienu jmutu bla maghmudija, dik

`sub conditione', kienu jindifnu fil-parti mhix imbierka tac-cimiterju, fil-qrib ta' l-isprecettati (qed nalludi ghac-cimiterju ta' l-Addolorata). Haga iebsa biex iggerraghha, imma dik kienet ir-regola.

Meta nbena c-cimiterju ta' l-Addolorata biex jinqata' d-dfin fil-knejjes, il-Bormlizi nghataw permess li l-kadavru jittiehed l-ewwel fil-kappella tac-cimiterju, biex it-talb ta' qabel id-dfin, maghruf bhala "tas-sopra foss" jigi recitat hemm flok qrib il-qabar.

Dari ftit kienu dawk li jittrasportaw il-kadavru l-knisja ghall-quddiesa. Dan kien dovut l-iktar, ghaliex il-quddiesa kienet tigi celebrata filghodu biss, u biex jigu evitati l-ispejjez jekk il-mezzi finanzjarji tal-familja ma kienux tajbin. Izda kienu jittiehdu l-knisja s-sacerdoti, il-genituri taghhom, kif ukoll il-professjonisti u xi benestanti.

Mid-dar sal-knisja, it-tebut bil-kadavru kien jingarr mill-bekkamorti fuq l-ispalla, bl-akkumpanjament tal-kleru fuq quddiem, filwaqt li l-familja, hbieb u ohrajn jimxu wara'. Spiss kien ikun hemm ukoll tfal ta' l-istituti fuq talba tal-familjari tal-mejjet biex jissodisfaw ir-rieda tal-mejjet kif dikjarata fit-testment. Ghal dan is-servizz, il-kleru u l-istituti kienu jircievu kumpens. Fit triq kien jitkanta s-salm "Miserere" (Ikollok hniena minni, Mulej!)

Fil-knisja t-tebut kien jitqieghed fuq zewg banketti gholjin, jew fuq twavel jistriehu fuq l-istrippi, miksijin bid-damask iswed. Jekk il-mejjet kien ikun xi gradwat (professjonist jew sacerdot) kien ikollu tliet targiet taht l-istrippi, simbolu tal-grad tieghu. Fl-erba' kantunieri kienu jitqeghdu kandlieri tal-hadid, mizbughin iswed, bix-xama twila bhal tal-altari, tixghel.

Max xama kien ikun hemm kwadri mpingija b'simboli tal-mewt, bhal ras ta' mewt, klessidra u ohrajn. Matul iz-zewg nahat gie li kien ikun hemm ukoll ringiela ta' xama kbir, jew torci, jixghelu, imdeffsin f'bank bit-toqob, apposta ghax-xama. Ta' min jiftakar izda, li fil-bidu, ix-xama kien jinxteghel biex jaghti d-dawl, ghax ma kienx hemm mezz iehor ta' mixghela.

Kultant kienu jintbaghtu kuruni ta' fjuri b'turija ta' soghba u rispett, li jitqeghdu madwar it-tebut. Izda fil-bidu, l-uzu tal-fjuri kien biex itaffi xi ntiena mill-kadavru. Ghall-istess skop gie li kien jitqabbad ragel, liebes vistu bhal bekkamorti, biex waqt is-servizz tal-quddiesa joqghod bilqeghda biswit il-mejjet, jitfa l-incens fuq il-faham jaqbad f'borma tar-ramm ahmar.

Il-kadavri ta' sacerdoti ghal-waqt l-akkumpanjament middar sal-knisja kienu jpoogguhom f'mejjilla biex ikunu esposti. Kienu jingarru fuq l-ispalla ma' kwartier tal-belt (qed nalludi ghall-Kottonera). Fi tmiem il-quddies kantata "praesente cadavere" u l-assoluzzjoni mic-celebrant wara' l-kant tal-

"Libera me, Domine", il-kanonci jinzlu wiehed wiehed minn posthom hdejn ic-celebrant, skond l-ordni tal-precedenza bejniethom, biex jaghtuh l-ahhar barka taghhom bhala kollegjali jew konsodali. Imbaghad il-kadavru jitqieghed fit-tebut u jissokta l-funeral sac-cimiterju fejn issir id-difna. Lillfratelli kienu aktarx ilibbsuhom il-konfratija tal-fratellanza li kienu miktubin fiha. Jekk mejtin kienu jittiehdu l-knisja bl-akkumpanjament qabel ma jkunu ghalqu erbgha u ghoxrin siegha li mietu, it-tebut kien ikun mikxuf.

Fil-Birgu, l-aktar li kien jimpressjonani, kien funeral ta' bandist tal-banda Duke of Edinburgh. L-uniformi tal-bandisti ta' din is-socjeta' filarmonika kienet bhal tal-fizzjali tan-Navy Ngliza, kompluta bil-lazz kulur id-deheb bl-"aigulettes" li jilbes l-Ajjutant (A.D.C.) ta' l-Ammirall. Kien tahom il-permess jilbsu din l-uniformi l-istess Duka ta' Edinburgh, Prince Alfred li kien hawn Malta u soltu jmur fl-Officers' Mess li kien jinsab fil-Palazz ta' l-Inkwizitur tal-Birgu. Kienet tassew haga mponenti tara dawk il-bandisti kollha, irgiel serji, jimxu bil-pass, bilmod, quddiem il-kadavru, bid-daqq ta' marci funebri. It-tebut kien ikun miksi b'faldrappa sewda li kienet tinzamm mill-erbat-itruf taghha minn erba' min-nies, x'aktarx uffficjali tal-kumitat tal-kazin, wiehed f'kull tarf. B'dan il-gest kienu jfissru qishom qeghdin jerfghu huma il-kadavru. Wara' t-tebut kien ikun hemm bandist iehor, li fuq imhadda tal-bellus ahmar, mghottija b'velu iswed, kien izomm l-istrument muzikali li l-bandist il-mejjet, kien idoqq f'hajtu.

Kif ga ghedt, wara' l-quddiesa, il-funeral kien ikompli ghac-cimiterju: karru u karrozzella u kultant xi karrozza bil-familjari, qraba jew hbieb tal-mejjet. Hawn irrid insemmi dettall pjuttost komiku li niftakar jigri f'xi funeral mill-Birgu jew minn Bormla. Il-bekkamorti kienu jimxu mal-karru, wiehed f'kull rokna, b'id wahda jzommu il-karru, u f'idhom l-ohra jzommu torcetta tixghel. Fin-nizla u fil-pjanura tat-triq Santa Tereza il-karru kien jitmexxa b'pass ta' bniedem, izda malli jasal biex jaqbad it-telgha ta' triq San Pawl, iz-zwiemel, ghas-sinjal tal-frosta tal-kuccier, erhilhom ilebbtu, u l-bekkamorti jaqtghu nifishom ghax ma jlahhqux mal-giri taz-zwiemel, u jdabbru rashom fost it-tbissim, jekk mhux dahq, tan-nies li jinzertaw hemm. Imma huma kienu jdabbru l-gurnata.

"O tempera, o mores!"...(Xi zmien, xi drawwiet!).

# IR - R A B A'

minn Tarcisio Zarb

Nota: Dan huwa programm li is-Sur Tarcisio Zarb kien tella' fuq Radju Malta fis-snin Sebghin. Dan il-programm ta' natura folkloristika jaghti harsa lejn is-sena metereologika u x-xejriet ewlenin li jghaddu minnhom l-istaguni. Huwa mqassam bejn taghrif miktub mill-awtur, kif ukoll riproduzzjonijiet ta' intervisti li l-awtur ghamel ma' nies anzjani. (R. tfisser lehen ta' ragel, M. lehen ta' mara, li qraw il-kitba fil-programm.)

R. Minn fuq il-gholja sa tarf il-bajja fil-boghod 'l isfel, il-eghlieqi imtarrga mal-wied jixhdu snin twal ta' hidma bla heda. Rekknuh il-bdiewa t-trab ghax ghaziz aktar minn dawl l-ghajnejn. Bis-sabar bena l-bidwi hitan tas-sejjieh biex l-ilmijiet tax-xitwa ma jgorrux id-deheb-hamrija lejn il-bahar u jhallilhom ma' wicchom blat gheri zonqri. Hawlu s-sigar, haffru bjar fondi, fittxew l-ilma gieri biex isaqqu meta l-art tinxef u titbaskat. U l-bidwi bakkar u sahar. U tghawweg matul l-istaguni bhal gherq niexef biex ha dak li seta' mill-hamrija.
M. Illum ghawnhekk l-gholja thaddar. Sa fejn twassal il-vista ta' l-ghajn...hbula u hbula ta' dwieli jitkaxkru f'xemx tizreg. U ta' kull sena f'dan iz-zmien meta jhossu s-sajf diehel sewwa, iz-zragen ihaddru, jixxettlu u jfuru. Ftit taz-zmien biss jghaddi, u l-eghnieqed jimlew u jsiru. L-iswed ehla jingabar kmieni u jitkisser fl-ghassara. Il-meraq ahmar tuta inixxi gelgul u jigri shun fil-vini.
R. Marbuta qalbi mieghek, ja art ghalkemm naf li mhiniex se nistaghna kif gieb u lahaq. Id-dinja tal-berah ta' madwari mahsula mill-irjieh, ix-xita u x-xemx jigbduni u jsahhruni. Sakemm Alla jislifni l-ghomor, u nkun niflah immidd rigel wara' rigel, mieghek nibqa' marbut, o art.
M. Illum ghandu qrib sewwa t-tmenin. Il-vista ta' ghajnejh ftit ftit qed thallieh. In-nuccali ma jservieh ghalxejn, allavolja xorta wahda jisthi jilbsu. Ir-raba' li ghandu imqabbel ghandu ftit li xejn jaghti eghlejjel, ghax nieqes mix-xoghol u mill-hidma. Il-bidwi xih, miskin, u ma jiflahx jahdem. Izda jekk b'kumbinazzjoni ghal xis-sitta ta' filghodu tkun ghaddej minn hdejn Tal-Balal 'l Gomu ghandek tarah tielgha bil-horga fuq dahru. Il-barba zijuh hemm kien miet, fuq it-turretta tal-kamra li hemm f'nofs l-ghalqa. Izda aktar imut jekk jehda milli ta' kuljum jitla' Tal-Balal ghax jigri...li dment li ghandu sahhtu jibqa' jistinka, izda jistenbah jum

wiehed u jhossu mitruh u maghsur bhal lumija. Imbaghad ikollu jerfa' u jhalli r-raba, u fi ftit jiem jintemm qisu qatt ma kien.

R. Din hija r-raba, l-art li ssejjah lill-bdiewa taghna, u li ilha ssejhilhom ghal zmien twil. Ghal zmien twil Malta kienet tiddependi mill-art taghha sabiex tghajjex l-uliedha. Il-bahar li jdawwarha ukoll ghena biex titma' l-hluq taghha. L-istess bhal hafna artijiet ta' madwar il-Mediterran ghal zmien twil Malta kienet tghix mill-biedja, ghalkemm f'kuntrast ma' dawn l-istess artijiet ghal sekli shah, l-ekonomija taghha kienet ibbazata fuq is-servizzi li l-Maltin kienu jaghtu lill-forzi barranin.

M. Il-bidla ta' Malta li ghannew fuqha l-poeti mill-fazi tal-biedja ghall-fazi industrijali kienet bidla li saret bil-mod il-mod. Madankollu jekk naghtu harsa lejn Malta tas-seklu l-iehor u inqabbluha ma' Malta tas-seklu taghna, naraw li hemm differneza kbira fl-istruttura tax-xoghlijiet. Fejn fis-seklu l-iehor il-bicca l-kbira tal-Maltin kienu jahdmu l-art u ja-qilghu l-ghixien taghhom minnha fis-seklu taghna ftit huma dawk li jahdmu bhala bdiewa biss. M'ghandniex xi nghidu, din il-bidla minn pajjiz agrikolu ghal pajjiz industrijalizzat gabet bidla kbira fir-ritmu tal-hajja. Sa seklu ilu, ir-rahal Malti, nghidu ahna, kien l-uniku post li minnu l-bidwi Malti kien jikseb l-ghixien tieghu u fl-istess hin ikollu fejn iqat-ta' l-hin. Illum il-bicca l-kbira tal-Maltin qeghdin johorgu mir-rahal taghhom u jahdmu barra minnu.

R. Madankollu xorta wahda jibqa' l-fatt li hafna bdiewa ghalkemm m'ghadhomx jahdmu fl-eghlieqi taghhom il-hin kollu, dejjem izommu dik in-nitfa raba' fejn imorru jqattghu ftit tal-hin. B'hekk jirnexxilhom jipprovdu l-affarijiet necessarji ghalihom u ghall-familja taghhom. Hafna drabi nsibu ukoll xi familji li jzommu xi moghza jew tnejn biex mill-halib taghha jaghmlu l-gbejniet friski. Kif jghidu, kull qaddis ighin. U l-familja dejjem trid. Baskal ghandu nitfa ghalqa, u dejjem jitfaghla xkertejn patota. Imnalla kienu dawk is-sighajn li wirtet martu Dolor m'ghand missierha, Alla jahfrilha.

M. M'ghandniex xi nghidu, dan ix-xoghol ta' bejgh ta' gbejniet u nghidu ahna xi tigiega, dan taghmlu l-mara. F'xi rahal, ghalhekk ghandek sal-gurnata sagrosanta ta' llum tara xi mara jew it-tifel taghha, tohrog tirgha z-zewg meghziet taghha. Imbaghad meta t-tfal jitfarfru daqsxejn, imbilli izzid zewg meghziet ohra ma taghmilx hazin Rozarja, ghax kif jghidu, bil-qatra il-qatra timtela' il-garra.

R. Is-sena kollha l-bidwi jahdem l-art. Din hija d-dinja tieghu. Huwa l-principal ta' l-azjenda agrikola li jahdimha wahdu jew ma' haddiehor. M'ghandniex xi nghidu l-art tvarja fid-daqs kif ukoll fil-produttivita` ghaliex hafna drabi il-bidwi ikollu eghlieqi ta' kwalita` differenti: raba' baghli jew saqwi, imhawwel bis-sigar tal-frott, ecc. Illum il-gurnata ma

nistghux nghidu li hawn azjendi agrikoli kbar. F'dawn l-ahhar mitt sena dawn aktarx li naqsu. Biex nifhmu ahjar din ix-xejra ghandna niftakru li matul dan iz-zmien, u specjalment f'dawn l-ahhar tletin sena, l-art agrikola naqset ghax fuqha bnew djar u vilel, toroq u stabbilimenti militari, fabbriki u lukandi. Madankollu ikollna nghidu wkoll, li l-espansjoni urbanistika u industrijali ma saritx ghal kollox billi naqset l-art ghammiela jew li kienet taghti ftit ucuh, bhalma jkollna nfakkru li l-art agrikola matul is-snin sa l-ahhar gwerra zdiedet xi ftit bl-izvilupp ta' art li dari kienet moxa jew bi ftit hamrija. Imma meta tqis kollox ma' kollox, ikollna nammettu li l-art agrikola, materja prima tal-bidwi, naqset.

M. Nergghu nintefghu lura fiz-zmien, zmien li ghadu jitharken f'certi rkejjen Maltin tal-gurnata ta'llum ukoll, u naraw kif il-hidma tal-bidwi Malti hija riflessa f'hafna mill-ghidut tieghu. Jannar, Frar,Marzu, April; Mejju, Gunju Lulju Awwissu; Settembru, Ottubru, Novembru Dicembru; dawn huma x-xhur tas-sena li matulhom il-bidwi ftit li xejn jehda mill-hidma. Tul kull xahar hemm xoghol li jrid isir; hemm hwejjeg li jrid jahseb fihom. Ghalhekk tul snin ta' osservazzjoni mill-qrib tan-natura, il-bidwi nduna li Jannar minhabba l-istess kesha li taghmel hafna mill-ucuh jinqerdu. Madankollu daqsxejn xita tiswa mitqla deheb ghaliex l-ucuh jispuntaw. Ghalhekk jghid il-bidwi fil-waqt li jhares barra mit-tieqa tal-ghorfa tar-razzett tieghu: "Jannar bardan meta jsib l-art liebsa jnezzaghha u meta ma jsibhiex liebsa jlibbisha" itaptap fuq dahar il-hmara u jintefa' jilghab mal-mohriet, filwaqt li x-xita ttektek u tlangas kotrana. Ghalkemm hej iz-zejjed imbidded, u ma jiehux pjacir bih. U miskin il-hmar jibza' ghalih il-bidwi, li ma jmurx jghaddi Jannar u jqaxxarlu gildu bil-bard.

R. F'dan ix-xahar jahbat dak li fiz-zmien kienu jghidulu Ghid il-Hamiem u li llum insejhulu l-Epifanija. Jghidulu Ghid il-Hamiem ghaliex f'dan iz-zmien il-Madonna kienet offriet rigal ta' hamiem fit-tempju meta marret tipprezenta lil-Gesu`. F'dan iz-zmien il-bidwi joqghod attent li ma tantx jghaffeg fl-ghalqa tieghu, ghaliex dan jista' jaghmel hafna hsara. Ghalhekk isimghu jghid u jtenni filwaqt li jizra l-kemmun: "Taf x' kien jghid missieri? Wara l-hamiem ibza' ghall-art, ghax it-tghaffig igibilha bosta mard." F"dan ix-xahar, fi zmien, il-qoton kien ikun fl-ahjar tieghu. Nghidu fi zmien, ghaliex din kienet wahda mill-aktar industriji maghrufa li kienet thalli qliegh kbir lill-bdiewa Maltin. Bizzejjed nghidu, fl-ewwel nofs tas-seklu li ghadda il-qoton kien re f'Malta. Il-bdiewa Maltin sahansitra waslu biex qacctu d-dwieli u z-zebbug biex zerghu il-qoton. Il-bejgh ta' dan il-prodott lahaq il-quccata tieghu fi zmien il-gwerra civili fl-Amerka, meta fl-Amerka dan is-suq ha daqqa kbira. It-tmiem ta' din l-industrija sehh fl-ahhar snin tas-seklu li ghadda. Ghalhekk immaginaw x-xoghol

kien ikun hawn f'dan ix-xahar. Mhux ta' bxejn, mela,Min ma jahratx f'dan ix-xahar ftit qoton idahhal id-dar u min jahrat jiehu l-qoton id-dar.

M. F'Jannar il-bidwi jiehu hsieb li jaqta' l-qasab. U ma jistghax isib zmien ahjar, ghaliex f'dan ix-xahar li ghandu minn kollox, ir-rih zgur imidd l-istess qasab ma' l-art. Frar.......F'dan ix-xahar, harsa hafifa madwarek gewwa l-kampanja ghandek tara li kull haxixa, xitla, ghadira, laqxa, tkun mimlija bin-nwar. Mill-hitan, kull haxixa tibda tohrog, tixxennaq ghad-dawl ta' barra. L-ibjar jimtlew sa ruh ommhom ghax Frar ifawwar, ixebba' r-raba' u jimla l-bjar. Ghalhekk f'dan ix-xahar il-bidwi jkun fl-hena ta' qalbu.

R. Dan huwa x-xahar li fih il-bdiewa jistghu jghidu jekk hux se jkollhom sena tajba jew le, ghaliex dan ix-xahar jikxef l-ghawar kienu jghidu. Dan huwa wkoll zmien il-kabocci, izda mhux kabocci tajba, imma kabocci li tinghata biss lill-hmir. Il-bidwi johrog fil-ghalqa jaghti titwila lejn is-silla halli jara kif inhi sejra. Jekk is-silla f'Santu Mattija tkun bi tliet werqiet, tintena tliet tinjiet, jghidlek, filwaqt li jitghaxxaq, ghax dan ifisser li is-silla tkun se taghmel gmielha.

M. F'dan ix-xahar il-bidwi ta' l-imghoddi xejn ma kien jiehu pjacir jekk is-sena tahbat wahda bisestili ghax jghidu li din ma tfissirx risq tajjeb ghall-hsad. Nannu tal-bdiewa qalilna li meta Frar ikollu s-slejjef ahjar il-bidwi joqghod mal-gwejjef. Il-kelma slejjef, hawnhekk, kompla n-nannu tal-bdiewa tirreferi ghall-ahhar jiem ta' Frar u l-ewwel jiem ta' Marzu. F'dan ix-xahar, kompla jghidilna, t-tin ahjar ikun daqs widnejn ta' far.

R. Joghxa l-bidwi fix-xahar ta' Marzu meta jidher il-busuf u l-farfett jibda jittajjar, ghax l-art tkun sahnet u l-ucuh taqbez kollha nwajjar. Il-busuf mhux hlief hanfusa tal-ful, qalilna n-nannu. F'dan ix-xahar il-bidwi jintefa' jahleb in-naghag, il-moghoz, il-baqar imsemmna. It-tewma jfittixha u jsibha, ghaliex f'dan ix-xahar ir-rimi tal-berwieq u t-tewm safi f'werqu. Jinzlu t-tfal jisirqu mill-ghalqa tal-bidwi, li min jaf kemm hadem u stinka, l-ful hadrani. Il-brieghed ma jonqsux ukoll, ghax fi zmien il-ful jidhru l-brieghed.

M. Il-flissjonijiet ma jonqsux, u ghalhekk xejn ma jiehu pjacir il-bidwi li x-xoghol tieghu irid jaghmlu hu, ghax il-flissjonijiet komuni daqs ix-xebbiet. Jekk f'dan ix-xahar il-bidwi jkun fadallu xi ftit kabocci m'ghandux x'jaghmel biha hlief li jaghtiha lill-hmar miskin, ghax il-bniedem ma jhobbhiex il-kabocci ta' dax-xahar. Hasra jekk dan ix-xahar inigges, ghax il-bidwi ma jistenniex hlief ghaks u ghaks kbir. Daqsxejn xita ttellghu is-sema lill-bidwi f'dan ix-xahar, ghax xita hrug Marzu dhul April, karru deheb iehor harir. Jekk tghaddi minn qalb ir-raba' f'dan ix-xahar, tarah il-bidwi jistenna n-natura tghin liz-zara' bis-sbula f'halqu.

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
-MAIN LIBRARY-

R. Jidhol April, il-bidwi gmielu jbiegh il-patata, ghax dan hu zmien il-haruf, u l-ixkora tal-patata tibda thuf. Dan iz-zmien, billi huwa zmien l-Ghid, il-patata u l-haruf fil-forn hija aktar ikla favorita. Issa l-qamh ikun kiber sewwa u jkun qieghed jimtela gmielu. Ghalhekk il-hobz jasal fil-mindil. Il-bidwi jqis li f'dan ix-xahar il-bidwi jinzel nizla sal-wied biex itella' l-mohriet minn hemm, ghax issa ma jkollux wisq x'jambih, u l-hena tieghu qalb l-ucuh tar-raba' kollha taqbez u ttir.

M. "Grazzi Mulej, ghax-xita t'April, Grazzi" jghid b'idu miftuha l-bidwi bi tbissima fuq fommu. F'dax-xahar bexxa xita tiswa karru deheb fin.

R. Minkejja li Mejju ghandu r-reputazzjoni li huwa x-xahar tad-disgrazzji, fl-istess hin tal-grazzja t'Alla kollha, ghaliex Mejju hobz u sikkina u minn kull gid jibda jaghtina. Mal-hitan tara l-kappar, ghalhekk meta ma jkollux x'jaghmel, il-bidwi johrog jigbor il-kappar halli l-mara tieghu ikollha xi tbiegh:"kapparija kappar" fl-irhula u fl-ibliet, bil-qawwara fuq rasha. M'ghandniex xi nghidu, f'dan ix-xahar il-bidwi joqghod attent ukoll mill-irjieh li jonfhu bla razan.

R. Meta jidhol Gunju l-andar bil-halel kbar jaghti lin-nies u lill-hmar, ghaliex dan ix-xahar jaghti lill-bdiewa il-qamh li minnu jaghmlu d-dqieq li minnu jaghmlu l-hobz. Id-dris ma jonqosx. F'dan ix-xahar il-bidwi jibda jahdem kemm jiflah biex jaqta' l-ewwel frott. U b'seba' ghajnejn joqghod attent li ma jaqlibx l-art bil-mohriet, li ma jmurx jigri li x-xemx tiehu l-grass tal-hamrija. Jishet is-siegha u l-mument li s-sema jfettillu jbexxex allahares qatt, ghaliex dan jaghmel hazin hafna, b'mod specjali lill-qiegha.

M. Tajjeb id-dullieh. Grazzi Lulju. Hdejn il-bahar jiekluh id-dullieh, in-nisa lewn il-halib. U fir-raba' l-bidwi jahdem u jistinka attent issa li l-berghuda issa tibda tolfoq ma taghmilx hsara lill-dan il-povru dulliegh. Ghax x-jieklu n-nisa lahamhom halib, hdejn il-bahar? Dan huwa zmien li t-tin jibda jbexxaq fommu, u min ghandu xebba jzewwigha u min ghandu guvni jzommu. U taht ix-xemx kiefra, kif jissaporti dak il-povru bidwi, hemm hada l-bir, jahdem u jistinka?

R. Issa dahal Awwissu, x-xemx izzid fil-qilla taghha u filwaqt li l-uriezaq jghannu is-solita monotonija taghhom, il-bidwi jaqta' l-harrub u jizra t-tewm. U ma jiehux pjacir bl-abbundanza tal-frott. ghaliex frott tajjeb suq hazin. Is-sigra issa kollha frottata, u tajjeb il-frott. Ghasel jinzil-lek, zqur li ahjar minn platt kawlata f'dan iz-zmien. L-gheneb issa tajjeb biex tieklu ghax fl-aqwa tieghu, u dak id-daqsxejn ta' werzieq ma jridx li jehda minn ghanjietu u t-tferfir ta' gwenhajh. Jghidu li f'dak il-hin ikun qed isajjar l-gheneb...Tghid veru?

M. U tasal Santa Marija, il-bidwi issa jizra t-tomnija. M'hemmx li jehda dal-povru bidwi. Minn sbieh Alla sa dlam

Alla m'hemmx li jieqaf daqsxejn. Hallih it-tin li f'Awwissu tibda tmissu. Issa l-bidwi jrid jizra bikri biex ikollu x'jikri. X'jimporta li x-xemx? Id-dirghajn b'sahhithom. Dan iz-zmien huwa prezzjuz. Biex ikun hemm hsad kotran, hemm bzonn li l-bidwi jintefa' b'ruhu u b'gismu f'dan ix-xahar sabiex ikollu hsad abbundanti.

R. Settembru hu xahar ta' tahbit. L-gheneb issa hela u jrid jinqata' kemm jista' jkun malajr. Ma tafx x'ifettillu l-ajru jtalla' u taghmel xi bexxa xita. L-ilma hazin jaghmillu lill-dan l-gheneb ghax jifqghu u jhassru. Ghalhekk arah lill-bidwi flimkien ma' martu u uliedu, anki Toni, ghalkemm ghadu zghir hafna, kollha jaqtghu l-gheneb. Aqta', imla, kaxkar u gorr, sigha wara' l-ohra bla waqfien. Alla jbierek x'gid, kemm ghamel dis-sena, kemm hu sabih, x'kull ghanqud. Il-bdiewa jhobbu jzommu ftit ghalihom biex jaghsruh ghax illum imkien ma ssib ftit inbid tajjeb. Min irid l-inbid pur ta' l-ghenba irid jaghmlu hu, mill-bqija zebgha tixrob. Li jibqa' jbieghu bil-qantar lill-ghassara kbar. U l-inbid gej is-sena kollha. U l-gwiebi ma jinxfu qatt. Mela ma tafx li daz-zmien l-inbid ma jsirx biss mill-gheneb?

M. Dan ix-xahar, il-bidwi, ghalkemm mehdi fuq xogholu bl-gheneb, ikollu cans ukoll jizra' it-tewm u jaqta' r-rummien, habta tal-festa ta' San Mattew u l-festa ta' San Mikiel. La jidhol ix-xahar tar-Ruzarju, il-bidwi jahrat u jtenni biex meta jigi l-hsad ikun kuntent u ghal-qalbu ghax il-hsad ikun kbir. Issa z-zara' tkun gholiet 'l fuq mill-art, tant li jekk ikollok ghattuqa mahruba, fiha facilment titlifha, ghax malajr tinhbielek. U arah il-bidwi hawtiel iniggez il-hmara u jghajjat "hej! hej!. Jekk ikun fadallu xi ftit ta' l-gheneb gewwa t-tubru malajr jithassar u jmut.

R. Is-sigar taz-zebbug kienu bil-gzuz f'Malta. Illum m'ghadhomx, ghalkemm ghad ghandna certi postijiet li jgibu dan l-isem. Ix-xahar ta' Novembru huwa xahar li fih il-bidwi tarah jaqta' z-zebbug u l-ftit tamal li jista' jkollu. Imbaghad tarah ikissru u jzemblu. Issa joqghod b'seba' ghajnejn li ma jghaffigx fuq l-art. Tistaghgeb ghal festa ta' San Anard li tigi f'dan ix-xahar l-anqas l-istess sponsun ma jmidd saqajh, ara kemm ghandek toqghod attent li ma tirfisx kif gie gie. Issa z-zriegh ikun fl-aqwa tieghu; ghalhekk arani u tkellimnix. Il-granet issa jiqsaru u x-xoghol irid isir, inkella nbatu s-sena kollha bi hgara. U n-nies tiekol. Sa dan ix-xahar zgur li tkun kielet nofs il-prodott kollu tas-sena. Ghalhekk izra, ja bidwi hawtiel.

M. Jekk ghandek tizra l-ful, izirghu nhar Santa Katrini. Ghax bla ghadd ikunu l-imziewed, u l-ful jikber u jitkattar halli n-nies ikollhom ghall-bigilla, b'sold jaghmlu festa, u festa kbira. Issa t-tin qed jarmi gmielu u l-inbid li min jaf kemm hadem fuqu l-bidwi tista' tixorbu sa tisker. M'ghandniex xi nghidu it-tin tac-cappa tajjeb hafna. Jitkellem in-nannu

tat-tin tac-cappa bil-lingwa tieghu:
R. Naqta' t-tin minn gos-sigra. Nitla' fuq il-blot. U nqassmu, kull tina maqsuma tnejn. Imbaghad, la jinxef, wara' tlitt ijiem, erbat ijiem, inhallieh fix-xemx. Nigbru, u meta nara biex inross kertell tin, nibda nixhet saff saff gel kertell. U kull saff naghmillu l-gheneb iswed. U naghmillu xi daqsxejn anizetta, biex ikun tajjeb, imbaghad meta tasal ix-xitwa nibdew naqalghu xi kappa biex nikluwha. Inti tifhem?
M. Meta kont taqsmu ma kienx jithammeg?
R. Le; taghmlu fuq il-bejt u ma kienx jithammeg. Kien jigi n-nahal jehodlu l-ghasel. Ghax it-tin fih l-ghasel.
M. Kif kont trossu?
R. Tahsel saqajk, tilbes xi hoga f'saqajk, oggett nadif, u trussu b'sieqek kemm tiflah. U ggibu hadid. Imbaghad, meta jasal iz-zmien, tibda taqla' xi daqsxejn minnu.
M. Kemm kontu thalluh biex jinxef?
R. Xi erba' jew hamest ijiem. Skond it-temp x'jaghmel. Konna nitilghu mal-blot u nqassmuh hemm...blot kbir tal-qawwi. Inti tifhem?
M. Kontu tbieghuh jew izzommuh ghalikom?
R. Jekk ikollna busta konna nbieghuh. Konna nimlew tnox, hmistox il-kartell kull sena. U dak iz-zmien kinna nbieghu nofs lira l-qantor. B'xejn. Kartell kien ikun fih tmintox il-wizna jew dsatox.
M.U meta kontu se tiekluh, intom x'kontu taghmlu?
R. Dok indahhluh gewwa. Indawru t-tiben mal-krietel, naghlquh u nerhulu. Illum jaqbillek, qabel ma trussu, tinfurnoh naqra, ikollok maghlfejn, iddahhalhom gol-forn u thallihom hemm nofs siegha u inbaghad tohroghom.
R. Jghid il-proverbju, li m'ghandniex xi nghidu, il-bidwi Malti jafu bl-amment ghax tghallmu m'and in-nannu li, illi kieku kien ghadu haj ghandu l-fuq minn mija u hamsin sena; Mill-Kuncizzjoni sal-Milied erfa' l-mohriet minn halq il-wied u qieghed l-ixkubetta fuq l-utiet. F'Dicembru, iz-zara' tkun telghet moghla sieq ta' tarbija, tarbija mhux hazin, mhux minn dawk li anqas ghoddhom inholqu. Iz-zara' bikrija issa tkun ga lahqet kibret sewwa.
M. Dik kienet girja hafifa matul is-sena li matulha l-bidwi jahdem kemm jiflah biex jara li kollox imur sew. Semmejna hafna drabi il-hart. Ghalhekk ikun tajjeb jekk nghidu xi haga dwar dan il-mod ta' kif il-bidwi Malti kien iqalleb il-hamrija tul is-snin. Fl-imghoddi l-mohriet kien jingibed minn zewg baqriet, haga li mhux takemm tarha llum il-gurnata. Il-hmara, iz-ziemel jew il-baghal jghinuh ukoll lill-bidwi, li filwaqt izeffen triqtu mghallma warajh, imejjel il-mohriet l-hemm u l-hawn u l-fuq u l-isfel, jitghaxxaq jara radda radda timtela' l-ghalqa. Sadattant l-eghruq u l-haxix li nsejhulu hazin, bhaxxewk, tfief u hafur jitqacctu minn eghruqhom. Ir-raded ghalhekk ikunu lesti biex jinzerghu xi zrierah. M'ghandniex xi

nghidu, l-mutur tal-hart, hafna drabi qieghed jiehu post il-mohriet u l-poezija u t-tbatija tieghu. Izda dan, flok radda wahda f'hin wiehed jaghmel erbgha jew sitta u flok jiehu saght-ejn jiehu nofs siegha.
R. U x'kont tilbes matul is-snin, ja bidwi Malti? M'ghandix nahseb li kont tilbes xi lbies tal-ghageb, hemm fir-raba' minn sbieh Alla sa dlam Alla. Nahsewb li kont pjuttost fqir f-ilbiesek? Il-beritta ghadha moda sa llum fuq rasek.
M. Brieret l-aktar li kien ikun hemm tas-suldati. Dak iz-zmien kien hemm hwejjeg tas-suldati bir-radam. Fost ohrajn kien hemm zewg kwalitajiet ta' brieret. Brieret zghar, hekk nghidulhom, jixbhu l-dik taghna ta' llum, imma ma kienx fiha pizz; taqbadha hekk kif tista'; kien ikun hawn dawk tas-suldati tal-gezwira. Imbaghad kien hawn brieret ohra, kull wahda daqs ftira. Qisha hobza hekk kbira, b'zigarelli kbar hekk. Min ikun daqsxejn pilikorja ixidd minn dawn il-kbor. Ma tafx kif? Kienet tqum skud. U brieret ta' Malta. L-aktar li kienu jxidduhom kienu dawk il-kaccaturi, nghidu ahna, u xi hadd xih. Imbaghad kien hawn brieret ohra, iktar antiki, imma dawk anqas kienu ta' Malta, minghalija. Kienu jghidulha milsa. Qisha hekk, kif taqbad tghid, shiha, ma jkunx fiha toqba, la minn din in-naha u lanqas min-naha l-ohra. Din niftakar hafna ixidduha. Imbaghad biex ixidduha, billi ma kienx fiha toqba, idahhal wahda go l-ohra, it-tarf ta' hawn idahhlu gewwa. Imbaghad tigi bit-toqba, jaghmilha tnejn, tigi toqba u jxidda go rasu. U jhalli xi pipa, insomma, xi haga hekk, idahhalha go dik il-bicca li tibqa' vojta. Imbaghad kien hawn min ixidd il-misluta, tad-deheb, kbira, sabiha. Ta' zmieni hadd ma xiddha izjed, jien ghandi tmenin sena, ikkunsidra, imma ta' qabel kienu jxiddu hafna.
R. Mghandniex xi nghidu, l-bdiewa kienu dilettanti tas-sidrija u t-terha. U kienu jhobbu jilbsu xi libsa ta' Malta, ghax fiha xi tqatta'; izda saqajkom, jahasra, ilghala thalluhom hafjin?...Jew gie li tilbsu ukoll zarbun jew xi qorq?
M. Min ikun tar-raba' jkun daqsxejn skars fil-flus, u anke min ma jkunx kienu jxiddu tal-fard, nghidulu, bicca gilda tal-barrin. Jaqtaghha akkont siequ. Jaghmel il-qiegh tajjeb, u mbaghad isallab b'xi haga. Xi daqsxejn carruta mibruma. Imbaghad xi hadd sinjur jew xi hadd sta bene ixidd xi qorq jew xi zarbun. Kien hawn dawn tas-servizz. Kien hawn minn kollox. Iservieh ghall-knisja, u anke ghall-Belt. Ghax jien kelli n-nannu, ghadni narah sejjer il-Belt b'qorq tal-fard, nghidulu. U biex taparsi jkun divrenzjot kien jaghmillu l-qfieli tas-suf, suf tan-noghog. Jibrumhom satigi, nghidulu ahna. Hajta huxna, u jkunu rotob ma jwegghux. U jkunu nudfa shih. U la jkun l-uzu hekk, hekk. U anke ghal gar-raba', Bhalhom ukoll bhallikieku kienu juzaw. Fis-sajf il-qurqa tinxef u tkun ferma, tkun sewwa biex tirfes fuqha, u meta tkun fix-xita dik tirtab, u l-bicca l-kbira hofjin anke ghall-knis-

ja. Taf x'ma kienux imorru l-knisja, bla glekk. Fix-xitwa.
R. M'ghadekx tisma jqarqac ma' l-art il-qorq illum, l-iktar meta tkun diehel il-knisja; illum kollox lest.
M. Iwa, iwa, illum il-bidwi u l-bidwija m'ghadhomx joqghodu biss fir-rahal. Il-Belt m'ghadhomx imorru bil-qorq li kellna ahna..Iwa...Iwa...
R. U ghex ghal-zmien twil mehdi ma' l-art, jahdem, u jistinka; bakkar u sahar, hawwel u bexxex, naqqax u hawtel. U l-kabocci u l-pastard, iz-zara' u l-harrub taw il-frott...hdax il-tifel u wiehed, ibieghu is-sahha. Kien jisthi mis-Sinjur; Sinjur jghidlu meta jmur ihallas il-qbiela. Ghax kbira l-art, u l-bidwi jahdimha. Izda l-art mhix tieghu; l-art tas-Sinjur. Zghir kien ihossu ghal-xogholu, xoghol umli, izda hemm marbut minn jghieb il-jum sa ruh il-jum; qatt ma kien jahseb li xi darba jirbah lis-Sinjur.

U f'lejl bla qamar qamu l-ulied kontra s-sinjur, qerduh, u hawlu sigar kbar kbar li jaghtu l-frott tax-xoghol. Izda mhux ghas-sinjur, izda ghal min jahdem, ghax m'ghadhiex l-art tas-sinjur; l-art hi ta' min jahdimha. Telghet l-ghada filghodu xemx, u n-nies ta' l-art ghajtet: Ohrog int xemx sabiha; regga' l-ghana, regga' l-fwieha. Faru s-sigar, ittaqqlu l-eghnieqed kotrana. Haddru l-hxejjex sa truf l-art. Hadem u strieh ghalih u ghall-batut.

---

SHUBIJA FIL-GHAQDA TAL-FOLKLOR U L-IMNARA

Il-membri tal-Ghaqda tal-Folklor jircievu b'xejn L-Imnara li tohrog darba fis-sena. Il-hlas ghas-shubija fil-Ghaqda huwa Lira Maltija fis-sena. Dan il-hlas jista' jintbghat lis-segretarju tal-Ghaqda, is-Sur Alfred Fenech, "Grezz", Triq id-Dirsa, H'Attard, Malta, jw lill-Editur, is-Sur G.Lanfranco, 78, Saint Trophimus Street, Sliema, Malta. Il-hlas jista jsir ukoll permezz ta' bolli Maltin tal- 4c. Biex nibghatu L-Imnara ghall-barra tigina kwazi Lira Maltija, ghalhekk min jghix barra, jekk joghgbu, jaghmel allowance ghal din iz-zieda fl-ispejjez.

---

# TAQBIL TAT - TFAL U FOLKLOR

minn Angelo Dougall

Fis-snin erbghin, fil-Marsa, it-tfal kienu jinstemghu iqabblu daqsxejn ta' taqbila; u billi fil-Marsa kien hemm, kif ghad hemm, il-patrijiet Kapuccini, milli wiehed jista' jifhem, kien hemm xi Fra jew xi Patri jismu Geremija, ghaliex it-taqbila tat-tfal kienet din:

Patri Geremija,
Gera wara' mija,
U qabad disgha u disghin.

Imma l-ghanjiet tat-tfal jinbidlu skond kif iqabblilhom iqabblu t-tfal; U t-tfal joholqu l-ghana taghhom kif jaqblilhom u kif jisimghuhom min ghand haddiehor. Mela xi ftit gimghat ilu, ghal habta ta' nofs is-sena, kont fuq karrozza tal-linja sejjer minn Birzebbuga lejn il-Belt. Wasalna Bir id-Deheb u tela' pulizzjott, u mar joqghod fuq bank in-naha ta' wara'. Fuq quddiem kienhemm zewgt itfal bil qeghda, u wiehed ta' xi seba' snin, malli ra dan il-pulizzjott, bi tbissima kemxejn nibbxija, qal din taht l-ilsien, imma hafna semghuh:

Geremija l-pulizija,
Telaq jigri wara' mija,
Qabad wiehed u mank tnejn,
Harbulu disgha u disghin!

U tifel iehor li kien mieghu bhal instamat u qallu: "Iva ara ma jarrestakx!"

Taqbila tat-tfal, li wisq probabbli originat minn Birzebbuga, u donnha din it-taqbila hi varjazzjoni ta' dik tal-Marsa.